

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Is-Suq Uniku f'dinja li qiegħda tinbidel — Assi uniku li jehtieq impenn politiku mġeđded”**

(COM(2018) 772 final)

(2019/C 240/11)

Relatur: **Gonçalo LOBO XAVIER**

Korelatur: **Juan MENDOZA CASTRO**

Konsultazzjoni	Kummissjoni, 18.2.2019
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	2.4.2019
Adottata fil-plenarja	15.5.2019
Sessjoni plenarja Nru	543
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	153/1/1

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjoni

1.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-messaġġ b'saħħtu tal-Kummissjoni dwar it-tishħiħ tas-Suq Uniku u l-ħtieġa ta' impenn mill-Istati Membri u c-ċittadini kollha. Is-Suq Uniku jehtieq balanç bejn l-aspettattivi tan-nies u l-politiki kkoordinati biex l-Ewropa tadatta ruħha għall-isfidi differenti imposti mill-globalizzazzjoni, mix-xejriet ġoddha u mill-progress teknoloġiku.

1.2. Il-KESE jitlob Suq Uniku, identiku għall-Istati Membri kollha, li għandu jiġi pperċepit bħala opportunità biex jiġu affermati mill-ġdid id-valuri Ewropej, id-drittijiet fundamentali u d-dmirijiet biex jinkisbu l-progress u l-benessri għall-Istati Membri u c-ċittadini kollha.

1.3. Proċess ta' integrazzjoni bla xkiel iż-żda konkret huwa raġuni ewlenija biex tiġi evitata u miġġielda t-theddida tal-proteż-żoniżmu, l-individwaliżmu u s-soċjetajiet estremisti. Il-kisbiet fundamentali tas-Suq Uniku għandhom jiġu kkomunikati aħjar fost iċ-ċittadini u l-Istati Membri.

1.4. Jeżistu eżempji tajbin ta' kif iċ-ċittadini Ewropej jibbenefikaw mis-Suq Uniku, abbażi tal-isforzi u l-impenn ta' atturi differenti. Il-valuri bħal-libertà, it-tkabbir ekonomiku, id-demokrazija, il-paċi, ix-xjenza u l-innovazzjoni, l-istabbiltà politika u d-drittijiet tal-konsumatur u dawk soċjali għandhom ikunu preżenti fil-viżjoni taċ-ċittadini bħala riżultat ta' proċess li beda 60 sena ilu. Id-diffikultajiet biex jinkisbu dawn il-valuri ma jistgħux jintesew iż-żda għandhom isiru tagħlimiet miksuba għall-futur.

1.5. Il-KESE jtenni l-appoġġ tiegħu biex tiġi limitata l-għajnuna mill-Istat u jiġi miġġieled l-abbuż ta' pożizzjonijiet dominanti, fil-waqt li jenfasizza d-diffikultajiet li jiffaċċejaw il-kumpaniji Ewropej biex jikkompetu fi swieq globali b'oligopolji jew monopolji, li f'ċerti każiġiet ikunu proprjetà tal-istat.

1.6. Il-KESE jenfasizza wkoll ir-rwol kruċjali tas-Suq Uniku bħala għodda biex tissahħħha strateġija industrijali Ewropea aktar ambizzjuha b'għanijiet ċari għall-2030. L-integrazzjoni iż-żed inklużiva u wiesha tas-Suq Uniku fil-marġni ta' strateġija industrijali Ewropea ġenwina għandha tkun ukoll priorità ewlenija għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss b'fokus fuq aktar investimenti fl-innovazzjoni u t-teknoloġiji, u qafas regolatorju aktar flessibbli u faċċi għall-utent biex jikkompeti fuq skala globali iż-żda mingħajr ma jintesa r-rispett għar-regoli u l-proċeduri sostenibbli ta' kompetizzjoni globali b'saħħitha.

1.7. Il-KESE jtenni t-talba tiegħu biex tiġi żviluppata d-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ewropea bil-għan li jitrawwem il-ħolqien ta' impiegji ta' kwalită tajba, jittebju l-hillet u l-kompetenzi, jiżdiedu l-investimenti soċjali u tigħiżi żviluppata l-ekonomija soċjali, b'enfasi fuq intrapriżi soċjalment responsabbli, kif ukoll jiġu evitati l-faqar, l-inugwaljanzi, id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali, b'enfasi speċċi jali fuq l-inklużjoni taż-żgħażaq fis-soċjetà. Il-KESE jqis bħala xieraq li jiġu implettanti politiki soċjali biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni, li tikkawża diżinteress fil-konfront tal-UE, populiżmu akbar u l-proliferazzjoni tal-ksenofobia f'setturi tal-popolazzjoni.

1.8. Il-KESE josserva li, minkejja sforz kbir rigward l-implementazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli dwar is-Suq Uniku, il-fatti juru (<sup>1</sup>) li l-miżuri nazzjonali jistgħu jwasslu għal piżżejjiet sproporzjonati fuq iċ-ċittadini u n-negozji. Għall-KESE, huwa ta' priorità li l-Istati Membri jintalbu jevitaw dawn il-prattiki.

1.9. Matul is-snin, il-KESE appoġġja l-ekonomija digħi, filwaqt li kien konxju tal-fatt li l-futur tas-Suq Uniku huwa marbut magħha. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) (<sup>2</sup>) huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-fiduċja fis-Suq Uniku fir-rigward tad-data personali iż-żidha jinħtieġ li jittieħdu miżuri addizzjonal għal qafas aħjar, ċar u faċċi għall-utent biex jiġu evitati piżżejjiet u interpretazzjonijiet ħżiena bla bżonn. Dan huwa wkoll kruċjali biex tiżdied il-mobbiltà għal settur iż-żejed effettiv – u li qed jikber – tas-servizzi, ta' importanza kbira għat-tkabbir ekonomiku u impieggi ġodda. Settur tas-servizzi li qed jikber u żieda fin-nuqqas ta' kompetenzi jitkol Suq Uniku li jiffunzjona aħjar.

1.10. Il-KESE japprova l-ġhan li jiġi stabbilit qafas ta' abilitazzjoni għat-tranżizzjoni għal mudell ċirkolari u jtrenni li sistema soda għall-finanzjament tat-tkabbir sostenibbli, b'aproċċ fit-tul, hija l-ixprun ewljeni biex terġa' tiġi stabbilita l-fiduċja fis-swieq u t-tfaddil jinrabat ma' investimenti sostenibbli.

1.11. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-progress ċar fit-trasformazzjoni tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) f'Fond Monetarju Ewropew, li jista' joffri likwidità b'mod prekawzjonarju, u b'hekk inaqqs il-programmi ta' kondizzjonalità. Madankollu, sabiex jiġu indirizzati l-perikli futuri fis-sistema finanzjarja, il-KESE jappoġġja t-tflimxha għal kunsens fost l-Istati Membri dwar l-ikkomplettar tal-Unjoni Bankarja. It-twettiq ta' swieq finanzjarji kompletament integrati u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali għandhom jibqgħu wkoll fuq nett tal-ägeġda.

## 2. Introduzzjoni

2.1. Bl-Istrateġġi għal Suq Uniku (<sup>3</sup>), l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (<sup>4</sup>) u l-Istrateġġi għal Suq Uniku Diġitali (<sup>5</sup>), il-Kummissjoni ressqet sett ambizzjuż u bbilanċċat ta' miżuri matul dawn l-aħħar erba' snin biex jiġi approfondit aktar is-Suq Uniku u jsir aktar ġust.

2.2. Diġà ġew adottati diversi proposti, iż-żidha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għad iridu jaqblu dwar 20 mis-67 proposta stabbiliti f'dawn l-istrateġiji.

2.3. F'Marzu 2018, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni tivvaluta s-sitwazzjoni attwali tas-Suq Uniku dwar l-implementazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni eżistenti, kif ukoll l-ostakli li fadal u l-opportunitajiet għal Suq Uniku li jaħdem bis-sħiħ.

2.4. Din il-Komunikazzjoni hija adottata flimkien mal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (<sup>6</sup>) u Komunikazzjoni li tagħti rendikont tal-Pjan ta' Investiment (<sup>7</sup>).

2.5. Fil-kuntest tal-Istrateġġi għal Suq Uniku Diġitali, il-Kummissjoni ressqet għadd ta' inizjattivi biex tindirizza l-akbar ostakli għall-kummerċ elettroniku. Għadd minnhom digħi ġew adottati dwar l-Imblukkar Ġeografiku (<sup>8</sup>), Is-servizzi ta' konsenza tal-pakketti transfruntiera (<sup>9</sup>), It-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-kummerċ elettroniku (<sup>10</sup>) u l-Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (<sup>11</sup>).

2.6. Il-pjattaformi online saru atturi prominenti fis-Suq Uniku, li jippermettu lil aktar minn miljun negozju biex jilhqqu lill-konsumenti madwar l-Unjoni. Il-Kummissjoni ressqet proposta dwar regoli armonizzati ġodda għal prattiki ta' "Pjattaformi għal-neozzji" (<sup>12</sup>) li ntlaħaq qbil dwarha fil-livell politiku mill-PE u l-Kunsill fi Frar 2019.

(<sup>1</sup>) COM(2018) 772 final, Kapitolu 2.1.

(<sup>2</sup>) ĠUL 119, 4.5.2016, p. 1.

(<sup>3</sup>) COM(2015) 550 final, ĠU C 177, 18.5.2016, p. 1.

(<sup>4</sup>) COM(2015) 468 final, ĠU C 133, 14.4.2016, p. 17.

(<sup>5</sup>) COM(2015) 192 final, ĠU C 71, 24.2.2016, p. 65.

(<sup>6</sup>) COM(2018) 770 final.

(<sup>7</sup>) COM(2018) 771 final.

(<sup>8</sup>) Ir-Regolament (UE) 2018/302.

(<sup>9</sup>) Ir-Regolament (UE) 2018/644.

(<sup>10</sup>) Id-Direttiva (UE) 2017/2455.

(<sup>11</sup>) Ir-Regolament (UE) 2017/2394.

(<sup>12</sup>) COM(2018) 238 final.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jappoġġja l-messaġġ b'saħħtu tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tas-Suq Uniku, li huwa kisba ewlenja u element essenzjali tal-proċess Ewropew ta' integrazzjoni. Dan għandu jkun wieħed mis-sisien tal-prosperità fl-Ewropa.

3.2. L-introduzzjoni tal-euro u l-Ftehim ta' Schengen kienu passi deċiżivi biex jiġi kkompletat is-Suq Uniku. Fl-istess ħin, għad hemm ħafna differenzi bejn l-Istati Membri li jridu jiġu indirizzati. Jinħtieġ impenn b'saħħtu mill-Istati Membri kollha biex din is-sit-wazzjoni tinbidel u jibqgħu flimkien.

3.3. Is-Suq Uniku jeħtieġ bilanç bejn l-aspettattivi tan-nies u l-politiki kkoordinati sabiex tiġi ssodisfata l-ħtieġa permanenti li l-Ewropa tadatta ruħha għall-isfidi differenti imposti mill-globalizzazzjoni, mix-xejriet ġodda, mill-progress teknoloġiku u mid-diġitalizzazzjoni.

3.4. Is-Suq Uniku, li joffri aċċess għal aktar minn 512-il miljun konsumatur, huwa suċċess ċar: l-ostakli regolatorji tneħħew għal aktar minn 80 % tal-prodotti industriali permezz tal-adozzjoni ta' regoli komuni, iżda dan il-proċess ma jistax jitqies bħala fatta. Jeħtieġ li d-differenzi bejn l-impenn tal-Istati Membri u l-ħtieġa għal implementazzjoni aħjar tal-leġislazzjoni relatata jkunu priorità politika. Is-suq uniku għandu japplika wkoll għall-bejjiegħa online.

3.5. L-ammissioni tal-Kummissjoni li hemm bżonn li jintlaħaq qbil dwar il-proposti leġislattivi u li tiġi eliminata d-diskrepanza bejn ir-retorika u l-prattika hija sinjal tajjeb. Hemm bżonn li l-Istati Membri jirrealizzaw li dan huwa "proċess ta' kuljum".

3.6. L-integrazzjoni kompluta tas-Suq Uniku qatt mhi se titwettaq sakemm l-Istati Membri ma jirrealizzawx il-valur reali tal-proċess u jgħarrfu liċ-ċittadini tagħhom dwaru. Jeħtieġ li l-kisbiet jiġi enfasizzati mill-mexxejja politiċi b'messaġġ pożittiv għall-benessri tan-nies.

3.7. Il-proġett Ewropew huwa msejjes fuq il-paċi, il-prosperità u l-iżvilupp soċjali. Il-kost tan-“non-Ewropa”għandu jkun quddiem għajnejna bħala tfakkira lil dawk li għandhom dubju. Iċ-ċittadini Ewropej għandhom japprezzaw il-kisbiet li saru biex jaqdu rwol attiv fil-proċess filwaqt li jiġu evitati n-nuqqas ta' ftehim u r-radikaliżmu. Il-proċess tas-Suq Uniku jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-Ewropa u jista' jintuża bħala eżempju tajjeb biex jiġi promossi l-valuri Ewropej.

3.8. Ma jistax ikun hemm suq uniku meta jkun hemm prodotti li għandhom “livell ta' kwalità dopju”, jiġifieri prodotti li jinbiegħu taħt l-istess marka fil-pajjiżi li dan l-aħħar issieħbu mal-UE u li għandhom differenzi fil-kwalità (b'kontenut ta' materja prima ta' kwalità infierjuri) meta mqabbla ma' prodotti li ilhom tul ta' żmien jinbiegħu fl-UE. Il-KESE jemmen li din il-prattika hija inaċċettabbli.

### 4. Kummenti speċifiċi

#### 4.1. Is-Suq Uniku bħala għoddha ta' komunikazzjoni għall-valuri u l-kisbiet Ewropej

4.1.1. Il-KESE jemmen li għandha tintuża lingwa komuni sabiex jiġu kkomunikati aħjar il-kisbiet tas-Suq Uniku. Il-fatti għandhom jiġi promossi bħall-mobbiltà taċ-ċittadini għal finijiet ta' divertiment u raġunijiet ta' xogħol, is-servizzi finanzjarji jew, saħansitra, aspetti soċjali fir-rigward tas-sigurtà u l-opportunitajiet ta' xogħol jew il-protezzjoni tal-konsumatur.

4.1.2. Il-KESE jqis li hemm narrattiva fost għadd żgħir ta' persuni li ddgħajjef il-proċess ta' żvilupp Ewropew. Din in-narrattiva tiġi appoġġjata billi jinkixfu d-differenzi bejn l-Istati Membri u fatti speċifiċi li ma jurux ir-realtà sħiħa tas-Suq Uniku. Huwa essenzjali li jiġi evitat u miġġieled dan it-tip ta' diskors fost iċ-ċittadini, sempliċement minħabba li l-politika ta' integrazzjoni hija dinamika ħafna u timxi b'passi differenti. Ir-riżultat globali għandu jiġi enfasizzat u l-ħtieġa li jiġi evitati l-inugwaljanzi flivelli differenti (ekonomiku, soċjali, edukattiv eċċ.) għandha tkun priorità.

#### 4.2. Aktar opportunitajiet u beneficijiet għaċ-ċittadini

4.2.1. Il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE u l-politika tal-UE dwar il-konsumatur qedew rwol importanti fl-iżvilupp tas-Suq Uniku. Biex il-konsumaturi jgawdu l-benefiċċċi tiegħu, is-Suq Uniku għandu jaħdem b'mod effettiv u l-konsumaturi jridu jkunu jistgħu jafdaw il-prodotti u s-servizzi, kemm online kif ukoll offlajn u kemm jekk jiġi pprovduti lokalment jew minn Stat Membru ieħor. Jeħtieġ li l-Istati Membri jiżgħi raw li n-negozji jikkonformaw mar-regoli dwar il-kompetizzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur u li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni kontra l-kompetituri għad-d-detriment tal-benessri tal-konsumaturi.

4.2.2. Il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE, li għandha prestiġju fuq livell globali, kellha rwol importanti fl-iżvilupp tas-Suq Uniku. Kif enfasizza l-KESE matul is-snini, il-limitazzjoni tal-ġħajnejha mill-Istat u l-ġieda kontra l-abbużi ta' pożizzjonijiet dominanti wasslu għad-dinamiżmu tas-suq tal-UE u kienu ta' beneficiċju għall-konsumaturi u n-negozji.

4.2.3. Fil-qafas tar-regoli dwar il-kompetizzjoni ekonomika, anke l-bejjiegħa online għandhom jirrispettaw is-Suq Uniku u jeħtieġ li tiġi determinata l-pożizzjoni tal-intrapriżi internazzjonali.

#### 4.3. Benefiċċi għan-negozji

4.3.1. Is-Suq Uniku joffri lill-intraprendituri sistema ta' negozjar ibbażata fuq ir-regoli, miftuħa u multilaterali, li tiżgura aċċess għall-ktajjen tal-valur internazzjonali.

4.3.2. L-għan tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali huwa li timmobilizza l-kapital fl-Ewropa u tgħaddi għand il-kumpaniji, l-infrastruttura u l-proġetti sostenibbli u fit-tul kollha, b'effetti pożittivi ta' impjieg (¹³).

4.3.3. Madankollu, għad fadal ġafna xi jsir: il-kumpaniji Ewropej jiddependu ġafna aktar mis-self mill-banek mill-kumpaniji tal-Istati Uniti.

4.3.4. L-iskala tas-Suq Uniku tfisser li l-Unjoni tinsab f-pożizzjoni li tistabbilixxi s-sistema ta' negozjar ibbażata fuq ir-regoli, miftuħa u multilaterali. Jeħtieġ li n-negozji minn pajjiżi terzi jkunu konformi mal-leġislazzjoni tal-Unjoni biex ikollhom aċċess għas-Suq Uniku, inkluż fl-oqsma tas-saħħa, l-ambjent, is-sikurezza tal-ikel u tal-prodotti, u l-prottezzjoni tal-konsumatur.

4.3.5. Il-KESE jenfasizza d-diffikultajiet li jiffacċċjaw il-kumpaniji Ewropej meta jikkompetu fi swieq globali b'oligopolji jew monopolji, li f'ċerti każżejjiet ikunu proprietà tal-istat. Eżempji ta' dan huma l-industria ferrovjarja, it-trasport bl-ajru, it-torrijet tal-imtieħen tar-riħ u oħra, fejn il-kumpaniji Ewropej jiffacċċjaw kompetizzjoni ħarxa (minn kumpaniji ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari c-Ċina).

#### 4.4. Id-dimensjoni soċjali

4.4.1. Il-KESE digħà talab lill-Kummissjoni biex tiżviluppa d-dimensjoni soċjali tal-UE bil-għan li jitrawwem il-ħolqien ta' impjieg i ta' kwalità taċċa, jittiebu l-ħiliet u l-kompetenzi, jiżdiedu l-investimenti soċjali u tiġi żviluppat l-ekonomija soċjali, kif ukoll jiġu evitati l-faqar, l-inugwaljanzi, id-diskriminazzjoni u l-eskużjoni soċjali, b'enfasi speċjali fuq l-inklużjoni taż-żgħażaq fis-soċjetà.

4.4.2. Għal xi raġuni, hemm perċeżżjoni li l-impjegati kienu dawk li sofrew l-aktar mill-kriżi ekonomika, li rriżulta fżieda fil-qgħad u fil-faqar, staġnar jew tnaqqis fil-pagi reali u tnaqqis fil-benefiċċi soċjali. Il-KESE jqis bħala xieraq li jiġu implimentati politiki soċjali biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni, li tikkawża dżiżerġi fil-konfront tal-UE, populżmu akbar u l-proliferazzjoni tal-ksen-ofobia fsetturi tal-popolazzjoni. Filwaqt li għad fadal ġafna xi jsir biex il-konseguenzeni tal-kriżi jippiċċaw, ir-riċerka mill-Istitut Ewropew tat-Trejdjunjins (ETUI) (¹⁴), tgħid li l-ħaddiema f'disa' Stati Membri qalgħu inqas fl-2017 milli fl-2010. Il-KESE jfakk li f'sitt Stati Membri tal-UE m'hemm l-ebda paga minima obbligatorja, filwaqt li f'oħrajn huma baxxi ġafna (¹⁵).

4.4.3. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar rigward l-adattament tal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jkunu ambizzjżi u bbilanċjati fil-fażi tat-traspożizzjoni. Il-KESE jitlob ukoll lill-Kummissjoni li jmiss tressaq Pjan Ewropew ta' Azzjoni għas-settur tal-ekonomija soċjali, li jipprovd kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u jrawwem l-iżvilupp tas-settur.

#### 4.5. L-implementazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli tas-Suq Uniku b'mod aktar effiċċjenti

4.5.1. Il-KESE josserva li, minkejja sforz kbir rigward l-implementazzjoni tad-direttivi dwar is-Suq Uniku, il-fatti juru (¹⁶) li l-miżuri nazzjonali jistgħu jwasslu għal piżiżiet sproporzjonati fuq iċ-ċittadini u n-negozji (¹⁷). Din hija xi ħaġa li għandha tiġi indirizzata b'mod partikolari mill-Istati Membri u l-għodod ġodda biex dan jiġi evitat għandhom ikunu priorità.

4.5.2. Il-KESE jenfasizza li s-sinjal reċenti relatati mal-implementazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE "mhux dejjem kienu inkora-raqgħanti", li jirrikjedi impenn akbar mill-Istati Membri.

(¹³) ĠU C 81, 2.3.2018, p. 117.

(¹⁴) Benchmarking Working Europe 2018.

(¹⁵) Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol.

(¹⁶) COM(2018) 772 final, Kapitolo 2.1.

(¹⁷) Ara l-inizjattiva Franċiża <https://ue.delegfrance.org/suppression-de-sur-transpositions>

#### 4.6. L-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku

##### 4.6.1. Is-suq uniku diġitali u l-ekonomija tas-servizzi

4.6.1.1. Matul is-snin il-KESE appoġġja l-ekonomija diġitali, filwaqt li kien konxju tal-fatt li l-futur tas-Suq Uniku huwa marbut magħha (¹⁸).

4.6.1.2. Għal din ir-raġuni, il-KESE jilqa' bi pjaċir il-ftehim politiku (¹⁹) dwar l-ewwel programm Ewropa Diġitali 2021-2027 li qatt eżista (²⁰) b'baġit totali ta' EUR 9,2 biljun biex tissawwar u tiġi appoġġjata t-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetajiet u tal-ekonomiji tal-Ewropa, u b'hekk jiġu żgurati l-użu u l-adozzjoni wiesgħa ta' teknoloġiji diġitali fl-ekonomija u fis-soċjetà kollha, sabiex tissahħħit it-tmexxija teknoloġika industrijali Ewropea.

4.6.1.3. Issa li s-settur tas-servizzi qed jikkontribwixxi dejjem aktar għall-ekonomija globali tal-UE (²¹) u l-ħolqien tal-impjieg fl-UE, huwa aktar meħtieġ minn qatt qabel li jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal ta' dan is-settur, b'mod partikolari peress li l-qligħ stmat ta' dan is-settur huwa konsiderevoli (²²).

##### 4.6.2. Ekonomija Ewropea tad-data

4.6.2.1. Il-kwistjoni ewlenija għas-Suq Uniku hija li tinbena ekosistema tad-data bbażata fl-Ewropa bħala vettur indispensabbi għall-progress ekonomiku u soċjali, kif ukoll kompetittività b'saħħitha f'dinja li qiegħda fil-proċess ta' trasformazzjoni radikali ma' kompetituri b'saħħithom fl-Istati Uniti u l-Asja. Sabiex jitrawmu l-opportunitajiet ta' konnettività u ta' ħżin, hemm ħtieġa kbira għal investimenti pubbliċi u privati fl-infrastruttura fil-kontinent kollu (²³).

4.6.2.2. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (²⁴) huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-fiduċja fis-Suq Uniku fir-rigward tad-data personali (²⁵), iżda r-Regolament propost dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Eletronika (²⁶) jrid jiġi ċċarat sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tad-drittijiet tal-bniedem (l-Artikoli 5, 8 u 11) kif ukoll il-possibbiltajiet għal restrizzjoni introdotti mil-leġislazzjoni nazzjonali (²⁷).

##### 4.6.3. Ekonomija ċirkolari u finanzi sostenibbli

4.6.3.1. Il-Kumitat jaqbel mal-għan li jiġi stabbilit qafas ta' abilitazzjoni għat-tranżizzjoni għal **mudell ċirkolari** li jkopri c-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-prodotti (²⁸).

4.6.3.2. Sistema soda għall-finanzjament tat-**tkabbir sostenibbli**, b'approċċ fit-tul, hija xprun importanti sabiex tiġi rkuprata l-fiduċja fis-swieq u sabiex it-tfaddil jiġi marbut mal-investimenti sostenibbli. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE (²⁹) dwar din il-kwistjoni għandu jippromovi tkabbir ekonomiku sostnun, inklużiv u sostenibbli, impieg għal kulħadd u produttiv, u xogħol deċenti għal kulħadd (Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 8) (³⁰).

(¹⁸) ġu C 71, 24.2.2016, p. 65; ġu C 440, 6.12.2018, p. 57; ġu C 75, 10.3.2017, p. 119; ġu C 125, 21.4.2017, p. 51; ġu C 288, 31.8.2017, p. 1; ġu C 81, 2.3.2018, p. 102.

(¹⁹) IP/19/528.

(²⁰) COM(2018) 434 final (ġu C 62, 15.2.2019, p. 292).

(²¹) Is-settur tas-servizzi huwa attwalment l-aktar settur importanti fl-UE, li jammonta għal madwar 75 % tal-PDG tal-UE.

(²²) Ara COM(2018) 772 final: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Is-Suq Uniku f'dinja li qiegħda tinbidel, punt 3.4.

(²³) ġu C 345, 13.10.2017, p. 130.

(²⁴) ġu L 119, 4.5.2016, p. 1.

(²⁵) ġu C 229, 31.7.2012, p. 90.

(²⁶) COM(2017) 010 final.

(²⁷) ġu C 345, 13.10.2017, p. 138.

(²⁸) ġu C 230, 14.7.2015, p. 91.

(²⁹) COM(2018) 97 final; ġu C 62, 15.2.2019, p. 73, ġu C 62, 15.2.2019, p. 103, ġu C 62, 15.2.2019, p. 97.

(³⁰) ġu C 62, 15.2.2019, p. 73.

#### 4.6.4. Swieq tal-prodotti u s-servizzi

4.6.4.1. Il-mudell ta' standardizzazzjoni jagħmel mill-UE mexxeja globali. Il-KESE jenfasizza l-ħidma tal-Kummissjoni f'dan il-qasam, L-uniformità u l-konsistenza tal-korp ta' standards Ewropej huma żgurati permezz tal-prinċipju sottostanti ta' "standard wieħed, test wieħed – aċċettat madwar l-Ewropa". Dan jipprovd iż-żgħixx fuq il-nadur, kif ukoll sigurtà legali u finanzjarja (31).

4.6.4.2. Il-pakkett dwar "Enerġija Nadira għall-Ewropej kollha" għandu l-għan li jaċċellera, jittraforma u jikkonsolida t-tranżizzjoni tal-ekonomija tal-UE għal enerġija nadira, filwaqt li jżomm l-għani jiet importanti ta' tkabbir ekonomiku u ta' ħolqien tal-impjieg (32).

4.6.4.3. Wara r-Raba' Pakkett Ferrovjarju (2013) (33), is-Sitt Rapport ta' Monitoraġġ tas-Suq Ferrovjarju (RMMS) (34) juri żieda fit-tul totali tan-netwerk ferrovjarju tal-UE.

4.6.4.4. "5G għall-Ewropa: Pjan ta' Azzjoni" (35) jindirizza wieħed mill-aktar elementi kritiċi tal-ekonomija diġitali u tas-soċjetà; is-servizzi kummerċjali se jiġu pprovduti fl-2020. Fil-fehma tal-KESE, il-fatturi ewlenin se jkunu s-suċċess tal-proġetti introdotti matul il-faċi ta' riċerka tal-5G-PPP (sħubija pubblika-privata fil-qasam tal-infrastruttura 5G) u l-integrazzjoni tan-netwerks fronthaul man-netwerks backhaul meta tiġi trażmessha data permezz ta' swiċċijiet ta' kapaċità għolja, rabtiet eteroġenji ta' trażmissjoni u unitajiet ta' pproċessar li jinsabu fil-cloud li jużaw diversi forniture tal-Internet (36).

#### 4.6.5. Swieq kapitali aktar integrati u Unjoni Bankarja kompluta

4.6.5.1. Wara l-miżuri adottati b'riżultat tal-kriżi finanzjarja, il-banek Ewropej issa jinsabu f'pożizzjoni aħjar biex jiffaċċjaw it-taqlib futur. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-progress ċar li sar fit-trasformazzjoni tal-MES f'Fond Monetarju Ewropew, li jista' joffri likwidità b'mod prekawzjonarju, u b'hekk inaqqsas il-programmi ta' kondizzjonalità.

Madankollu, biex jiġu indirizzati l-perikli futuri fis-sistema finanzjarja, il-KESE jappoġġja t-tfittxija ta' kunsens fost l-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' Unjoni Bankarja b'saħħitha, b'enfasi fuq miżuri li jistgħu jnisslu iż-żejjed fiduċja fiċ-ċittadini u l-kumpaniji.

#### 4.6.6. It-tnaqqis tal-piż amministrattiv u l-iffaċilitar tal-konformità mar-regoli tat-taxxa

4.6.6.1. Regoli moderni dwar id-dritt soċjetarju fl-UE huma essenzjali għas-Suq Uniku. F'dan ir-rigward, il-Pakkett dwar id-Dritt Soċjetarju Ewropew jikkostitwixxi approċċ komprensiv, bil-għan li jiġu bbilanċjati u mħarsa l-interessi u l-htigġijiet leġittimi tal-partijiet ikkonċernati, l-SMEs, l-azzjonisti minoritarji, il-kredituri u l-impiegati kollha (37).

4.6.6.2. L-esiġenza tal-unanimità fil-akaunsill tagħmel l-adozzjoni ta' regoli komuni fċerti aspetti tat-tassazzjoni aktar diffiċċi, l-iżjed b'raba mal-Bażi Komuni (Konsolidata) għat-Taxxa Korporattiva (BKKTK) u Taxxa unika fl-UE fuq il-Valur Mīżjud (VAT). Il-KESE japprova wkoll il-pakkett dwar ir-riforma tal-VAT (38).

#### 4.6.7. Mobbiltà sostenibbli

4.6.7.1. Erbgħa minn kull għaxar sewwieqa Ewropej li ġew mistħarrġa (39) sostnew li jistennew li l-karozza li jmiss li jixtru se tkun elettrika. L-istandardi ta' karozzi nodfa u l-inċentivi għal vetturi elettriċi (EV) se jgħinu lill-manifatturi tal-karozzi tal-Ewropa jibqgħu kompetitivi fis-suq globali elettrifikat b'mod rapidu.

4.6.7.2. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-Alleanza Ewropea tal-Batteriji bħala eżempju tajjeb ta' katina strateġika tal-valur fl-Ewropa. Madankollu, jeħtieġ li jsir sforz ferm akbar peress li d-ditti Ewropej għadhom konsiderevolment lura meta mqabbla mal-manifatturi Asjatiċi u tal-Istati Uniti fit-tellieqa biex ifornu vetturi rikarikabbli tas-suq tal-massa.

(31) ĠU C 197, 8.6.2018, p.17.

(32) ĠU C 246, 28.7.2017, p. 64.

(33) ĠU C 327, 12.11.2013, p. 122.

(34) COM(2019) 51 final.

(35) COM(2016) 588 final.

(36) ĠU C 125, 21.4.2017, p. 74.

(37) ĠU C 62, 15.2.2019, p. 24.

(38) ĠU C 237, 6.7.2018, p. 40.

(39) <https://www.euractiv.com/section/electric-cars/opinion/dont-let-european-automakers-lose-the-race-to-electrification>

#### 4.7. *It-triq 'il quddiem*

4.7.1. Il-proċess tas-Semestru Ewropew għandu jintuża bħala waħda mill-għodod biex nimxu b'mod aktar effiċjenti u rapidu lejn Suq Uniku aħjar fejn meħtieġ.

4.7.2. L-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw minn djalogu aktar inklużiv ibbażat fuq l-aspettattivi tas-soċjetà ċivili. Is-Semestru Ewropew jagħmel parti minn dan id-djalogu u l-kapaċità tal-Istati Membri li jibbenefikaw minn "rakkomandazzjonijiet spċifici għall-pajjiżi" li jistgħu jtebju, iż-żgħid mhux jipponu, riformi nazzjonali jidhru li huma pass-essenzjali biex jinkiseb is-suċċess u tiġi involuta s-soċjetà.

4.7.3. L-isforzi biex jiġu appoġġjati l-kisbiet tas-Suq Uniku għandhom ikunu preżenti fil-politiki u fl-impenji tal-Istati Membri kollha, flimkien mal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-kontribut tal-kumpaniji. Huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-komunikazzjoni effettiva bejn iċ-ċittadini u "l-proġett Ewropew ibbażat fuq is-Suq Uniku" jkunu prioritajiet tal-Istati Membri. B'dan, il-mexxeja Ewropej se jik-kontribwi x Xu biex jiġu evitati l-estremiżmu u l-azzjoni radikali kontra Suq Uniku.

4.7.4. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon it-talbiet u l-istediniet li l-Kummissjoni għamlet lill-Kunsill Ewropew, speċjalment dik biex jiġi żgurat li l-Kunsill jaħdem malajr mal-Parlament Ewropew biex mill-iżżejjed fis-possibbli jiġu adottati l-inizjattivi leġislattivi b'konformità mal-Strateġija għal Suq Uniku, is-Suq Uniku Diġitali u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-Unjoni Bankarja<sup>(40)</sup>.

Brussell, il-15 ta' Mejju 2019.

*Il-President  
tal-Kunitat Ekonomiku u Soċċjali Ewropew  
Luca JAHIER*

---

<sup>(40)</sup> COM(2018) 772 final.